MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Appell Kriminali Numru. 486/2013

Il-Pulizja

(Spettur Kevin Farrugia)

Vs

Dylan Kokavessis

Illum 10 ta' Lulju, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Dylan Kokavessis, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 38289M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-3 ta' Marzu, 2013 ghal-habta tas-02:30hrs gewwaTriq in-Naxxar, San Gwann:

1. Saq jew ipprova jsur jew kellu kontroll ta' vettura Nru: DAT597 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq mihabba xorb jew drogi.
2. W'aktar gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema irrifjuta jew naqas li jghati kampjun tan-nifs meta kien mitlub li jgahmel hekk skond il-ligi.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal-perjodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Ottubru, 2013, fejn il-Qorti wara li rat l-art. 15A u 15E tal-Kap. 65; sabet lill-akkuzat hati tal-akkuzi kollha u ikkundannatu multa ta' elf u mitejn ewro (€1200) u issospendietlu l-licenzja tas-sewqan ghal-perjodu ta' sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnhu pprezentat fil-5 ta' Novembru, 2013, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tillibereah minn kwalunkwe piena u imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma is-segwenti u cioe':-

Illi assolutament mihux minnu li r-rikorrent irrifjuta jew naqas li jghati lil Pulizija kampjun tan-nifs tieghu. Mill-affidavit tal-istess surgent jirrizulta li l-magna tghati rizultat ta' 43ug/100m.l u d-dokument li tghat il-magna b'dawn il-figuri li semma – surgent fl-affidavit tieghu kien messu gie pprezentat il-Qorti flok id-dokument li

jghid li l-magna tat rizultat li ma kienx hemm volum bizzejjed. Allura jekk il-magna tat-rizultat ta' 43ug/100 kif jista' jinghad li r-rikorrent irrifjuta jew naqqas li jaghti kampjun tan-nifs tieghu kif kien obbligat ruhu li jaghmel skond il-ligi.

Di piu' il-persuna li ghamel it-test tal-magna ma giex imharrek mill-prosekuzzjoni sabiex jixhed. PS Demicoli ma ghamilx il-breathaliser test , imma dan sar minn ufficjal tal-pulizija iehor. Kull ma qal is-surgent Demicoli huwa detto del detto (hearsay evidence). Ir-rikorrent gie priv milli jghamel kontroezami lill-persuna li ghamel il breathaliser test. Ir-rikrrent ried jistaqsih x'esperjenza ghandu sabiex jiehu l-breathaliser test ghaliex din tehtieg certu tahrig bhal kalibrar tal-magna. Jekk il-magna ma tkunx kalibrata tajjeb ma tghatihiex rizutat tajjeb. Dan oltre il-fatt li l-prosekuzzjoni ghandha 'Missing link' fil-provi taghha ghaliex il-persuna li ghamlet it-test kien messha ingiebet bhala prova.

Illi mid-dokument esebit mill-pulizija jirrizulta li l-breathaliser ittiehed fuq apparat Lion Intoxilser l-8000. Illi r-regolament 7 tal-ligi sussidjarja 65.16 tghid illi jekk jintuza dan l-apparat jista' jittiehed speciment wiehed biss tan-nifs, pero' jekk l-ispeciment jirrizulta li fih anqas minn 50 mikrogramma ta' alkohol f'100 milliltru tan-nifs ghandhom jittiehdu kampjun wiehed ta' urina u tad-demm a tenur tal-artikolu 15E(1)(b) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta liema testijiet ghandhom jittiehdu fil-laboratorju nazzjonali u dawn it-testjiet iridu jingiebu bhala evidenza f'kull procediment skond l-artikolu 15A u 15B(1) tal-Kap 65. Illi il-magna tal-breathaliser skond kif xehed is-surgent Demicoli tat-rizultat ta' 43ug/100ml u ghalhekk kien hemm il-htiega skond ili ligi li ssir it-test tal-urina u t-test tad-demm li baqghu ma sarux.

L-artikolu 15B(1) tal-Kap 65 li tahtu qed jigi akkuzat l-imputat jistipula li l-ebda persuna ma ghandha ssuq vettura fit-triq wara li tkun ikunsmat alkohol li fil-porzjon tan-nifs, fid-demm jew fl-urina ikun izjed mill-limiti preskritt. Fl-umli opinjoni tal-esponent biex persuna tkun tista' tinstab hatja skond dan l-artikolu jehtieg zewg rekwiziti. Il-proporzjon tal-aklohol oltre il-limitu preskritt irid ikun jirrizulta fin-nifs, fid-demm jew fl-urina. Ghalhekk skond il-kliem car tal-ligi l-oltre pass tal-limiti ma jridx jirrizulta biss fin-nifs imma anki fid-demm jew fl-urina. L-artikolu koncernat ma jghidlek jew fin-nifs jew fid-demm jew flurina imma jghidlek fin-nifs, fid-demm jew fl-urina. F'dan il-kaz ittiehed biss kampjun tan-nifs biss. Skond l-artikolu msemmi biex persuna tinstab hatja irid jirrizulta oltrepass tal-limitu tan-nifs, fid-demm jew fl-urina.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fit-tlieta (3) ta' Marzu tal-elfejn u tlettax (2013) ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu (2.30 a.m.) il-pulizija giet infurmata illi kien hemm incident tat-traffiku fi Triq in-Naxxar, San Gwann. PS 6 Duncan Demicoli mar fuq il-post u hemmhekk sab lill-gwardjani lokali G518 u G342 qieghdin jaghmlu l-konstatazzjonijiet taghhom. Hekk kif resaq fuq l-appellant PS 6 Duncan Demicoli xamm rieha qawwija ta' alkohol u ghalhekk l-appellant gie skortat l-ghassa ta' Tas-Sliema sabiex issirlu t-test tal-alkohol. Jidher però illi l-appellant ma ried jikkopera bl-ebda mod mal-pulizija u n-nifs li beda jaghti kien baxx wisq sabiex jirrizulta ghat-test. Però l-ftit nifs illi dahal fl-apparat irrizulta illi qabez il-limitu peress illi irregistra 43 ug/100 ml. Is-Surgent Demicoli semma' ukoll illi l-appellant kien arroganti b'mod esagerat mal-pulizija u sahansitra irrifjuta li jiffirma jew izomm kopja tal-ircevuta mahruga mill-magna tat-test. Kien ghalhekk gie deciz illi jittiehdu passi kriminali kontra l-appellant kif fil-fatt saru.

B'sentenza tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru tal-elfejn u tlettax (2013) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u ikkundannatu ghal multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200) u issospendiet il-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sitt (6) xhur. L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell fejn l-aggravju tieghu kien illi l-ewwel Qorti naqset milli taghmel apprezzament sodisfacenti tal-provi illi ngabu quddiemha. Ma kienx minnu illi l-appellant ma riedx jikkopera, tant hu hekk illi l-magna tat rizultat. Terga' u tghid PS Demicoli ma kienx il-persuna illi effettivament ghamel il-breathalyzer test u ghalhekk ix-xhieda tieghu hija "hearsay evidence" u l-persuna li effettivament ghamlet it-test ma giex prodott mill-Prosekuzzjoni biex jixhed. Di più l-pulizija ma hadux kampjun tal-urina u d-demm a tenur tal-artikolu 15E(1)(b) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, liema testijiet kellhom isiru fil-laboratorju nazzjonali.

Ikkunsidrat:

Is-Surgent Demicoli xehed quddiem din il-Qorti u ikkonferma l-affidavit illi huwa irrilaxxa li jinsab a fol 2 tal-process. Di più ikkonferma illi t-test tan-nifs sar mis-Surgent 240 fil-prezenza tieghu u bil-password tal-istess Surgent Demicoli u ra r-rizultat johrog minn fuq il-magna. Ghalhekk is-Surgent Demicoli jista' jixhed di proprio; ma hemmx ebda hearsay fix-xhieda moghtija quddiem il-Qorti. Il-fatt illi l-Prosekuzzjoni ma gabitx lil PS 240 jixhed ma jfissirx illi b'daqshekk qieghda tippregudika l-kaz taghha. L-artikolu 638(1) tal-Kap 9 jistipula illi "bhala regola, ghandu jitqies illi tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti, u li ma jithalla barra ebda xhur li x-xhieda tieghu tkun importanti." Evidentement il-Prosekuzzjoni ikkunsidrat illi x-xhieda tal-PS 240 ma kinitx daqshekk importanti meta seta' jixhed fuq l-istess meritu s-Surgent Demicoli. Di più l-artikolu fuq imsemmi huwa kondizzjonat bil-kliem "bhala regola" u ma jfissirx li jekk il-pulizija thalli xi xhud li jidhrilha li mhiex importanti b'daqshekk il-kaz taghha qed jigi kompromess. Wara kollox il-provi tal-Prosekuzzjoni kontra persuni jqumu jew jaqghu skont il-livell ta' prova milhuqa cioe' dik ta' minghajr dubbju dettat mir-raguni. F'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni deherilha illi kien hemm provi bizzejjed sabiex iwasslu ghal dan il-grad. Kwindi din il-Qorti kulma trid taghmel huwa illi tevalwa l-provi prodotti u tara dan il-grad intlahaqx jew le.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ma ssib ebda raguni il ghala ghandha tiddubita mix-xhieda tas-Surgent Demicoli kif ukoll mar-rizultat tat-test tan-nifs illi sar fl-ghassa ta' Tas-Sliema. Dana mhuwiex borderline case kif donnu qed jissuggerixxi l-appellant izda jeccedi bil-bosta l-limitu legali li huwa ta' 35 ug / 100 ml.

L-appellant ilmenta ukoll illi ma sarx it-test tad-demm u tal-urina kif jistipula l-artikolu 15E(1)(b) tal-Kap 65. Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza "Il-

Pulizija versus Jan Spiteri" tat-22 ta' Ottubru 2008 fejn fost affarijiet ohra l-Qorti qalet, "Huwa minnu li skont il-ligi l-pulizija ghandha dritt titlob kampjun tan-nifs. Izda l-pulizija tista' titlob alternattivament kampjun tad-demm jew zewg kampjuni tal-urina ghall-analizi fil-laboratorju". Kwindi l-pulizija ma kienx taht l-ebda obbligu illi taghmel ukoll it-test tal-urina u tad-demm. Jekk l-appellant deherlu illi kellu jaghmel dawn it-testijiet, allura messu ghamilhom hu u jikkonfronta r-rizultat ma' dak il-breathalyzer test illi ghamlu l-pulizija. Izda minn dan l-appellant ma ghamel xejn u qaghad biss fuq l-arroganza u n-nuqqas ta' koperazzjoni tieghu.

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u mhux il-kaz illi d-diskrezzjoni taghha tigi disturbata. Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------